## San Ġorġ Preca



Dun Ġorġ Preca (1880-1962), jew San Ġorġ Preca, kien saċerdot Kattoliku Malti u Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa bħala l-MUSEUM jew Mużew. Magħruf fost il-Maltin sempliċiment bħala "Dun Ġorġ". Kien pijunier tal-appostolat tal-lajċi fil-Knisja Kattolika, ħamsin sena qabel il-Konċilju Vatikan II, u fost l-ewwel li ta l-Bibbja f'idejn il-lajċi u ġie kanonizzat mill-Papa Benedittu XVI fit-3 ta' Ġunju 2007. l-Bidu tal-MUSEUM

Għall-ħabta tal-1897, meta kellu madwar 17-il sena, iltaqa' ma' wieħed mill-għalliema tiegħu tal-Liceo, Dun Ercole Mompalao, ħdejn il-Mall tal-Furjana. Dun Ercole għamillu din il-profezija: "Preca, int għad tikber u nies li jirrispetaw 'l Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek".

Fit-8 ta' April 1905 miet Dun Alwiġ Galea li għal ħafna snin kien il-konfessur ta' Ġorġ. Preca kien jirrakonta li ftit wara mewtu Dun Alwiġ deherlu u qallu: "Lilek Alla għażlek biex tgħallimlu l-poplu tiegħu".

Fl-istess żmien indiehes ma' grupp ta' żgħażagħ li kienu jiltaqgħu f'għalqa quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu. Mill-ewwel beda jkellimhom fuq Alla. Fosthom kien hemm Ewġenju 'Ġeġè' Borġ, ħaddiem tat-Tarzna. Dun Ġorġ tah attenzjoni speċjali u kien jieħdu għalih waħdu biex jgħallmu u jfissirlu l-ħajja ta' Ġesu Kristu skond l-Evanġelju ta' San Ġwann. Ġeġè kellu jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà ta' Dun Ġorġ.

Il-Kjeriku Ġorġ Preca kiteb abbozz ta' regola bil-Latin biex jibgħatha lill--Papa San Piju X għall-approvazzjoni. Kellu l-ħsieb li fil-parroċċi kollha jkun hemm djar b'sebgħa rġiel ordnati djakni, megħjunin minn awżiljari lajċi, li xogħolhom kellu jkun li jgħallmu lit-tfal u l-kbar.

Ftit qabel l-ordinazzjoni saċerdotali Dun Ġorġ kien kważi ser imut b'marda li ħakmitu, probabilment it-tuberkolożi. It-tabib Nerik Meli qata' qalbu minnu, iżda għalkemm kellu pulmun minnhom niexef, Ġorġ rkupra "bl-interċessjoni ta' San Ġużepp".

**Saċerdot**

Dun Ġorġ ġie ordnat saċerdot flimkien ma' 13-il saċerdot ieħor fit-22 ta' Diċembru 1906 mill-Isqof Pietru Pace. Meta l-Isqof ġie biex jidlek idejn Ġorġ Preca "iż-żejt spiċċalu u kellu jinġieb il-ġdid." Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-Parroċċa ta' San Gejtanu, l-Ħamrun, nhar il-Milied. Għal xi ġimgħat wara l-ordinazzjoni saċerdotali

kien joħrog biss mid-dar biex iqaddes. Kien jibqa' miġbur fil-kamra ta' fuq il-bejt jitlob u jimmedita.

**Il-Fondazzjoni tal-M.U.S.E.U.M**

Darba minnhom, Dun Ġorġ Preca kien għaddej fil-knisja ta' San Gejtanu u sema' lis-sagristan jgħallem id-duttrina lit-tfal. Tifel staqsa lis-sagristan: "Lil Alla, min ħalqu?" U dak wieġbu: "Alla sar waħdu.", meta kellu jwieġbu "Alla kien minn dejjem." Dun Ġorġ intebaħ li hemm bżonn li jsir xi ħaġa sabiex lin-nies jingħatalhom tagħlim Nisrani kif xieraq.

Għall-ħabta tal-aħħar ta' Jannar 1907 Dun Ġorġ sejjaħ mill-ġdid lill-grupp taż-żgħażagħ u nhar it-2 ta' Frar iltaqgħu fil-Knisja Ta' Nuzzo, il-Ħamrun, għal lezzjoni tiegħu. Nhar is-7 ta' Marzu ltaqgħu għall-ewwel darba f'post ċkejken li kienu krew f'n. 6, Triq Fra Diegu, l-Ħamrun. Dawn iż-żewġ dati jimmarkaw it-twaqqif tas-Societas Doctrinae Christianae (Soċjetà tad-Duttrina Nisranija): grupp ta' żgħażagħ lajċi ffurmati fil-ħajja tar-ruħ u fil-prinċipji tar-reliġjon kattolika, mibgħuta biex jgħallmu l-poplu. Għall-bidu, Dun Ġorġ sejjaħ l-għaqda tiegħu Societas Papiduum et Papidissarum jew "Xirka ta' Ulied il-Papa" għaliex ried jisħaq fuq il-lealtà lejn il-Papa. Intant, soċju Salvu Muscat issuġġerixxa l-isem "Mużew" u biż-żmien dan l-isem qabad u baqa'. Dun Ġorġ fassal akronimu mill-kelma "MUSEUM" bil-Latin: "Magister utinam sequatur Evangelium universus mundus!" (Mgħallem, li kien id-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelju!!!).





*Dun Ġorġ jipprietka fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid*

Fis-sena 1957, is-Soċjetà tal-Museum kellha l-Ġublew tal-Fidda (50 anniversarju mit-twaqqif tagħha mis-sena 1907). Għal din l-okkażjoni mportanti, saret laqgħa fil-Knisja Parrokjali ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid u li għaliha kien hemm preżenti u għamel diskors, il-Fundatur tal-istess Soċjetà, il-Qaddis San Gorg Preca. Id-Diskorsi saru mill-Ewwel Superjur Ġenerali Ewgenju Borg, minn Mons. Carmelo Bonnici u minn San Gorg Preca. Fid-diskors tiegħu, Dun Gorg isemmi it-Twaqqif tas-Soċjetà u jirrakonta b'mod ħaj l-esperjenza sabiħa li kellu ħdejn 'Croce Marsa'. Fid-diskors, San Gorg Preca jsemmi għal darbtjen 'kont gej hawn f'Raħal Ġdid'. Din l-attività saret fit-18 ta' Awwissu 1957.

***Ħajr William Camilleri***